MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-14 ta' April, 2009

Numru. 173/2009

Il-Pulizija
(Sp Ramon Mercieca)
vs
Mark Grech, iben Anthony, imwieled Pieta' fil-15 ta' April, 1989

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fl-24 ta' Marzu, 2008 għal habta tal-11.30 p.m., waqt li kien għaddej bil-vettura tal-għamla Ford Ka, bin-numru tar-reġistrazzjoni BBS 268, u cioe' fi Triq Aldo Moro, Marsa b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna ferita gravi fuq il-persuna ta' Justine May Grixti, hekk kif iċċertifikat minn Dr. Thomas Armatys M.D. ta' l-isptar Mater Dei,

liema ferita aktarx tikkaġuna debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew marda permanenti tal-moħħ jew iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fl-għonq jew f'waħda mill-idejn;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, saq l-imsemmija vettura b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż.
Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat jiġi skwalifikat mill-liċenzji tas-sewqan kollha għal perjodu li l-Qorti jidhirlha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' April, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' April, 2009 fejn l-parte ċivile ħafret lill-imputat.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukata ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikolu 226(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' multa ta' elf euro (€1,000).  Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat li jħallas is-somma ta' elf sitt mija u sittin euro (€1,660) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti.  Fiċ-ċirkostanżi ta' dan il-każ mhemmx lok għal sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan ta' l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------